MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2006

Numru 500/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**

**VS**

**JAMES GRIMA**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra James Grima, bin Nazzareno u Crucifissa nee' Camilleri, imwieled tal-Pieta', nhar is-6 ta' Mejju, 1975, residenti fil-fond 356, Triq it-Torri, Mosta, detentur tal-karta tal-idenetita' bin-numru 249875 (M);

Akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, bejn Mejju 2004 u Gunju 2004, ittraffika persuni ta' l-eta' u cioe' lil Marina

Morosova, u Victoria kunjom mhux maghruf, li huma ta' nazzjonalita' Russa, bil-ghan li dawn il-persuni jigu sfruttati ghall-prostiuzzjoni billi ta u/jew ircieva hlasijiet jew beneficcji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li kellha l-kontroll fuq persuni ohra;

2. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Gunju, 2004 u fix-xhur precedenti , b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istes disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. Xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' l-imemmija Marina Morosova, u Victoria kunjom mhux maghruf persuni ta' nazzjonalita' Russa;

b. Zamm jew ezercita' jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew local iehor, jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati u maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali

c. Talli bhala s-sid jew li ghandu taht idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond bl-isem Louisa, Flat no 5, u no 1 sitwat fi Triq il-Hgejjeg, Bugibba, San Pawl il-Bahar, jew postijiet ohra, xjentement ta b'kiri, jew ippermetta l-uzu ta' dan il-post ghal skop ta' prostituzzjoni.

Wara li rat id-dokumenti esebit:

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li semghet il-partijiet jittrattw il-kawza;

Wara li rat l-Artikoli 248A(1)(2), 248E, 18, 17(h), 20, 30, 31, 23, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikoli 7(1)(3), 8(1)(2)(3), 9, 10, u 12 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkundsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imsemmi imputat James  Grima hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------